**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 28 ta' April, 2016**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 28/2015 AF**

**Spiru Ellul**

**Joseph Rizzo**

**Joseph Quintano**

**Carmel Cauchi**

**Felix Axisa**

**Paul Calleja**

**Joseph Pisani**

**Joseph Caruana**

**Gerolamo Mintoff**

**Joseph Galea**

**Tarcisio Gaffiero**

**Alphonse Genovese**

**Anthony Polidano**

**John Cilia**

**Joseph Bartolo**

**John Scerri**

**Francis Tonna**

**Joseph Gauci u Therese Caruana, ulied il-mejjet Emanuel Gauci in nomine proprio, jus hereditatis, u bħala vittmi ai termini tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern (Direttur Ġenerali - Regolazzjoni Dwar is-Saħħa Pubblika);**

**Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; u**

**Avukat Ġenerali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti li ġie ppreżentat fit-30 ta' Marzu 2015, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-esponenti kienu impjegati mal-Malta Drydocks Corporation (vide kopja tac-certifikat tal-impieg annessi u mmarkati Dok. C 1-18).

L-asbestos kien matul il-perjodu tal-impieg tal-esponenti, 'staple material' prezenti f'ammonti kopjuzi fit-Tarzna u jintuza minghajr ebda kontroll effettiv.

L-esponenti ghandhom l-asbestos fil-pulmun kif ser jigi ppruvat matul il-parti sostantiva ta' dawn il-proceduri.

Ilu maghruf ghal ghexieren ta' snin illi l-esposizzjoni ghall-asbestos hu ta' dannu serju ghal sahhet il-bniedem, tant illi tali esposizzjoni twassal ghal mard serju diversi u tista' tikkaguna l-mewt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, il-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u d-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, naqsu li jipprovdu lill-esponenti b'mizuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos.

L-esponenti ma giex infurmat, la mill-awtoritajiet tas-sahha, la mill-Ministeru li tahtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-Tarznari, u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-effetti nocivi rizultanti mill-esposizzjoni ghall-asbestos.

Kien biss wara li l-esponenti bdew jisimghu bil-mard u mewt kkagunat mill-asbestos ta' whud mill-kollegi taghhom li saru konxji tal-effetti nocivi tal-espossjoni ghall-asbestos. Tali gharfien kien gradwali u bbazat fuq hearsay u ikkompilat, accessat jew b'mod iehor maghruf minghajr l-intervent tal-entitajiet, korpi jew ministeri li kellhom l-obbligu li jissuplixxu tali informazzjoni.

L-esposizzjoni ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalità ta' hajja tal-istess rikorrenti.

L-ahhar zewg rikorrenti u cioè Joseph Gauci u Therese Gauci ulied il-mejjet Emanuel qed jidhru *jure proprio* u *jure hereditatis* u jissodisfaw il-kriterji sabiex ikollhom *locus stanti* ta' vittmi, u dan skond Artikolu tlieta u erbghin (43) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ligi nostrana tramite Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex tiddikjara illi:

1. Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja tal-individwi ma titqieghedx f'periklu bla bzonn, ai termini ta' Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu, u li dan id-dritt ma jigix imtiefes, ai termini ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kwalità tal-hajja tar-rikorrenti.

3. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwi, u li dan id-dritt ma jigix mittiefes, ai termini ta' Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti ikunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.

4. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mill-liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunarju jithallas u dan fil-konfront u lil kull rikorrent individwalment.

Rat ir-risposta tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni Dwar is-Saħħa Pubblika) u tal-Avukat Ġenerali, li ġiet ippreżentata fit-30 ta' April 2015 fejn gie eccepit illi:

Preliminarjament safejn l-esponenti qegħdin jifhmu li b'din l-azzjoni tagħhom ir-rikorrenti qegħdin ifittxu kumpens pekunjarju minħabba li huma tħallew jaħdmu mill-prinċipal tax-xogħol tagħhom fi strutturi li huma magħmulin bl-asbestos, liema espożizzjoni allegatament ħalliet konsegwenzi negattivi fuq ħajjithom u d-dħul ekonomiku tagħhom, allura huma kellhom kull opportunità li jipproċedu b'kawża ċivili ordinarja għar-riżarċiment tad-danni kontra l-prinċipal tax-xogħol tagħhom minħabba li huwa naqas millli jipprovdilu *"a safe system of work"* jew "*a safe working environment*".

F’dan l-ambitu, bilkemm għandu għalfejn jingħad li proċeduri ta’ bixra straordinarja bħalma huma kawżi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post il-proċeduri ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament. Inkella minflok immorru quddiem il-fora ordinarji nibdew nipproċedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali – ħaġa li tmur lilhinn mill-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali.

Għalhekk fid-dawl ta’ dan in-nuqqas ta’ eżawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Mingħajr preġudizzju għall-premess, ħadd mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u mill-Avukat Ġenerali ma jista’ jitqies bħala l-leġittimu kontradittur lejn it-talbiet tar-rikorrenti għaliex ħadd minnhom ma assoġġetta lir-rikorrenti għall-materjal tal-asbestos, apparti li ebda wieħed minnhom ma huwa responsabbli mill-iżvilupp u mill-implimentazzjoni tal-istrateġija biex titħeġġeġ u tiġi mtejba s-saħħa pubblika. Tabilħaqq il-funzjonijiet *ex lege* tal-esponenti huma xort’oħra.

Magħdud ma’ dan il-Kap. 466 tal-Liġijiet ta’ Malta jispeċifika min huwa mgħobbi bir-responsabbilità tal-ħwejjeġ li jikkonċernaw it-Tarzna ta’ Malta.

Dejjem mingħar ħsara għall-premess, l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti għall-perijodu ta’ qabel it-30 ta’ April 1987 ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din l-Onorabbli Qorti *a sensu* tal-artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, qabel xejn ir-rikorrenti jeħtiġilhom juru li huma kienu tassew esposti għall-asbestos u kif ukoll li l-mewt ta’ Emanuel Gauci kienet konsegwenza u kawża unika tal-fatt li li huwa kien espost għall-asbestos.

Tabilħaqq mhux daqstant differenti minn kawżi ċivili ordinarji, għalkemm hawn qegħdin fil-kamp kostituzzjonali, ir-rikorrenti xorta jridu jippruvaw n-ness tal-kawżalità u ma jistgħux jistrieħu fuq sempliċi suspetti, ipoteżijiet u konġetturi.

Safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi kemm bħala fatt u bħala dritt, peress li ħadd mill-intimati intenzjonalment ma qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom.

Fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-*animus necandi* li jneħħi ħajjet ir-rikorrenti jew l-*animus nocendi* li jikkaġuna xi ħsara għal saħħet ir-rikorrent.

Dwar l-aħħar ilment tar-rikorrenti, marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent josserva li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għalhekk inkwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll.

Madankollu biex l-argument ikun sħiħ, l-esponenti assolutament jiċħdu bħala fatt li huma ndaħlu jew ħadu xi miżuri biex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti.

Dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, b'mod ġenerali jingħad li l-Gvern Malti ħa dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-asbestos fit-tarzna. Tassew malli l-Gvern sar jaf bil-perikolu ta' dan il-materjal, huwa ħa ċertu passi rimedjali biex jiġi evitat il-periklu. Infatti l-amministrazzjoni tat-Tarzna provdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adwegata għaddejja.

Mhux fi żmien daqshekk imbiegħed l-asbestos kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa materji prima biex isolvu problemi ta' insulazzjoni. Hekk kif il-Gvern Malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, inbeda proċess biex jitneħħa dan il-materjal u saħanistra għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni tiegħu. Naturalment però dan il-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu għaliex l-asbestos ma setax jisparixxi f'daqqa waħda.

Jiġi b'hekk li l-Gvern Malti ma jistax jitqies responsabbli li ma pprojbixxiex l-użu tal-asbestos jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli sanitarji marbuta mal-espożizzjoni tal-asbestos malli sar jaf b'mod konklussiv bl-effetti negattivi tiegħu fuq saħħet il-bniedem.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat ir-risposta tal-Awtorità Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Mejju 2015 fejn gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari jiġi eċċepit illi l-Awtorità esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservajnza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, *inter alia*, għas-segwenti motivi:

**(a)** l-Awtorita esponenti ġiet kostitwita permezz ta' l-Att XXVII tal-2000, liema Att daħal fis-seħħ *in parte* fit-3 ta' Mejju 2001 (bl-A.L. 121 ta' l-2001) u l-kumplament tad-disposizzjonijiet daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2002 (bl-A.L. 9 ta' l-2002). Il-promulgazzjoni tar-'*Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta Persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol*' (L.S. 424.23) daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2006 (bl-A.L. 323 tal-2006);

**(b)** l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi l-Awtorità esponenti għandha tiżgura li jinżammu l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa u

tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol <u>kif stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att</u>. (enfazi tal-esponenti). Dan ifisser li l-Awtorità hi soggetta ghal-ligi u hi l-istess ligi li taghtiha poteri u setghat;

***(c)*** jirriżulta li fost ir-rikorrenti hemm dawk li tterminaw l-impjieg tagħhom qabel il-holqien ta' l-Awtorità esponenti u ohrajn li tterminaw l-impjieg tagħhom qabel id-dhul fis-seħħ ta' l-indikati regolamenti. Dan ifisser li l-Awtorità esponenti ma kellha l-ebda *vires* jew obbligu legali illi tieħu xi azzjoni jew passi rigwardanti l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, jew għax ma kienetx ghadha maħluqa bhala entità jew l'għaliex ma setet qatt t'attwa mizura li ma kienetx f'forma ta' ligi (u dan fuq il-bazi tal-massima ta' '*nulla poena sine lege scripta/certa*'). Fi kliem iehor, dan ifisser li:

- għar-rigward ta' Spiru Ellul, Felix Axisa, Paul Calleja, Joseph Pisani, Joseph Caruana, Joseph Galea, Tarcisio Gaffiero, Alphonse Genovese, Anthony Polidano, John Cili, Joseph Bartolo, Francis Tonna u Emanuel Gauci l-Awtorita' esponenti qatt ma setghet tinformahhom bl-effetti nocivi involuti mill-allegata esposizjoni għall-asbestos stante li fil-perjodu lamentat mill-indikati rikorrenti, l-istess Awtorità ma kienetx teżisti. Di fatti, dan il-punt gie anke espress mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kaz *Brincat and others vs Malta* fejn inghad illi: "*Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could <u>therefore not have been a source of information before that date</u>.*" [para. §114 tad-decizjoni] (emfasi tal-esponent);

- għar-rigward ta' Joseph Rizzo, Joseph Quintano, Carmel Cauchi, Gerolamo Mintoff u John Scerri, minkejja li l-Awtorità esponenti kienet inħolqot, l-istess Awtorita' ma' kellha l-ebda *vires* legali illi tissindika l-użu tal-asbestos peress illi dan l-obbligu taghha daħal fis-seħħ biss fil-15 ta' Diċembru 2006;

***(d)*** mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-lanjanzi mressqa mir-rikorrenti bl-ebda mod ma jolqtu xi aġir ta' l-Awtorità esponenti li jista' b'xi mod jiġi interpretat li jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement ma tista' qatt tirrispondi għall-addebiti mressqa kontra tagħha. Di fatti, <u>imkien</u> fir-rikors promotur ma tissemma' b'xi mod l-Awtorita' esponenti jew xi aġir ta' l-istess Awtorita' u minn imkien ma tirriżulta xi allegazzjoni fil-konfront ta' l-istess. Di più, ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-Awtorità esponenti;

***(e)*** di più, l-Awtorità esponenti m'għandha l-ebda forma ta' relazzjoni mar-rikorrenti u bl-ebda mod ma wieħed jista' jimmaġina kif xi aġir ta' l-Awtorità esponenti seta jimpinġi negattivament fuq id-drittijiet tagħhom allegatament miksura. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti huma tenuti juru, bi provi tajbin, oggettivi u konkreti, ghaliex l-Awtorità esponenti ghandha twiegeb di fronti ghall-pretiza taghhom;

***(f)*** b'hekk l-Awtorità esponenti għandha tiġi meħlusa minn kull addebitu ta' allegat infrazzjoni ta' jeddijiet kostituzjonali u/jew konvenzjonali, peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrisali għal żmien meta l-istess Awtorità ma kienetx għadha maħluqa. Għalhekk, l-Awtorità esponenti ċertament ma tista' qatt tirrispondi, jew tagħti rimedju, għall-addebiti mqanqla mir-rikorrenti.

In linea preliminari wkoll, il-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat 'Att Dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari' jispeċifika min huwa mgħobbi bir-responsabbilità tal-ħwejjeġ li jikkonċernaw it-Tarzna ta' Malta. Ghalhekk, ikun siewi u opportun, ghall-integrità tal-gudizzju, li l-persuna mgħobbija b'tali responsabbilità tigi msejjha f'dawn il-proceduri.

Preliminarjament ukoll, bil-preżenti azzjoni, ir-rikorrenti qed jirrikorru għall-proċedura straordinarja odjerna meta huma kellhom a disposizzjoni tagħhom rimedji ordinarji sabiex jivveniltaw it-talbiet tagħhom, senjatament il-proċeduri Ċivili ordinarji, liema proċeduri ma ġewx segwiti mir-rikorrenti u għalhekk, dina l-Onorabbli Qorti għandha tieqaf milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu għall-ilment tar-rikorrenti defunt Emanuel Gauci, dan skatta minn episodji li jmorru lura għal perjodu ferm qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-liġijiet nostrani fl-1987. Ghalhekk, l-ilmenti konvenzjonali ta' dan ir-rikorrenti għall-perjodu ta' qabel it-30 t'April 1987 ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad fir-rikors promotur illi l-esposizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalità ta' ħajja tal-istess rikorrenti. Fuq il-prinċipju illi '*onus probandi incumbi ei qui dicit non ei qui negat*', huma l-istess rikorrenti li għandhom iġibu l-prova illi tali esposizzjoni kienet <u>l-unika</u> sors għall-effetti negattivi minnhom lamentati.

Safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi kemm bħala fatt u bħala dritt, peress li ħadd mill-intimati intenzjonalment ma qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom. Fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-*animus*

*necandi* li jneħħi ħajjet ir-rikorrenti jew l-*animus nocendi* li jikkaġuna xi ħsara għal saħħet ir-rikorrenti.

Dwar l-ilment tar-rikorrenti marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti tosserva li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din l-allegazzjoni. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għalhekk inkwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll. Madankollu biex l-argument ikun sħiħ, l-esponenti assolutament tiċħad bħala fatt li hi ndaħlet jew ħadet xi miżura/i biex tikkomprometti jew tfixkel l-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti.

Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-Awtorità esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Din is-sentenza qed tindirizza eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati, u senjatament:

1) Ir-rapport ġuridiku bejn ir-rikorrenti u l-intimati;
2) L-eżawriment o meno tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti;
3) Il-kwistjoni *ratione temporis;*
4) Il-bżonn o meno li tissejjaħ fil-kawża persuna mgħobbija bir-responsabilità tal-ħwejjeġ li jikkonċernaw it-tarzna.

Ġew esebiti dokumenti u anke ppreżentati sottomissjonijiet fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet preliminari.

Permezz ta' dawn il-proceduri ir-rikorrenti jilmentaw illi fiż-żmien li kienu impjegati mal-Malta Drydocks Corporation kienu esposti għal ammonti kopjużi ta' asbestos. Jilmentaw illi qatt ma ġew informati dwar l-effetti noċivi riżultanti mill-espożizzjoni għall-asbestos u lanqas ma ġew provduti b'miżuri ta' protezzjoni, bir-riżultat li issa għandhom l-asbestos fil-pulmuni tagħhom. Huma għalhekk fetħu din il-kawża sabiex jiġi

dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom taħt l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement jingħataw rimedju pekunjarju.

It-tlett intimati kollha eċċipew li m'humiex il-leġittimi kontradittur i.

1a). It-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali flimkien eċċepew li ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi kontradittur i lejn it-talbiet tar-rikorrenti peress li ħadd minnhom ma assoġġetta lir-rikorrenti għall-materjal tal-asbestos apparti li ebda wieħed minnhom ma huwa responsabbli mill-iżvilupp u mill-implimentazzjoni tal-istrategija biex titħeġġeġ u tiġi mtejba s-saħħa pubblika. Isostnu li l-funzjonijiet *ex lege* tagħhom huma xort'oħra. Iżidu jgħidu wkoll li l-Kap 466 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika min hu mgħobbi bir-responsabbiltà tal-ħwejjeġ li jikkonċernaw it-Tarzna ta' Malta.

Fil-kawża "Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et"[1] (kawża li ukoll kienet titratta dwar l-espożizzjoni għall-asbestos) it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali kienu qajmu din l-istess eċċezzjoni abbażi tal-istess raġunijiet. Din il-qorti (diversament preseduta) f'tali kawża iddistingwiet fl-ewwel lok bejn "l-*illeġittimità tal-persuna u r-responsabbilità tal-persuna*". Hija għamlet distinzjoni bejn (1) il-kwistjoni dwar jekk fil-proċediment għandux it-Tabib Prinċipali tal-Gvern joqgħod għall-ġudizzju tagħha tenut kont li kien mixli bi ksur tal-Artikoli 33 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni, u (2) il-kwistjoni jekk tirriżultax il-prova ta' leżjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif tutelati bl-artikoli ċitati. Hija dehrilha li l-eċċezzjoni kif impostata kienet qegħda tindirizza l-mertu, materja li f'tali stadju kienet prematura. Għalkemm ma riditx f'dak l-istadju tidħol fil-mertu, hija rriferiet għall-analiżi li għamlet l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Brincat and Others vs Malta"[2] fir-rigward ta' x'kien jispetta lill-Awtoritajiet tas-Saħħa ta' Malta li

[1] Rik. Kost. 09/2015. Il-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-15.09.2015 (Imħ JZM)

[2] Brincat and Others vs Malta, deċiża mill-QEDB fl-24.07.2014

jagħmlu dwar tagħrif lill-pubbliku dwar l-asbestos, u fil-fatt irreferiet għal paragrafu 106 tad-deċiżjoni Ewropea.

> *"106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medically related findings at the time. Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew*

*or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect. Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s."*

Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-qorti kkonkludiet li ma setgħetx tilqa' l-preġudizzjali tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern li għandu jitqies li huwa inkapaċi joqgħod f' kawża. (Art 780, Kap 12).

Issa fir-rigward tal-Avukat Ġenerali, l-istess qorti osservat li r-relazzjoni ġuridika li r-rikorrenti kienu qed jagħmlu mat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubbika) mal-allegat ksur minnhom lamentat ma setax jitqabbel mar-rabta li kienu qed jimputaw mal-Avukat Ġenerali. Spjegat li din id-distinzjoni toħroġ kjarament mill-kawżali li jippreċedu t-talbiet (li huma prattikament identiċi għall-kawżali tal-kawża odjerna). Il-qorti spjegat li huwa evidenti li l-Avukat Ġenerali kien ċitat fil-ġudizzju minħabba l-kwistjoni tar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern.

Spjegat li l-kwistjoni tar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 li kien ġie introdott bl-Att XXIV tal-1995 u aċċennat għall-fatt li dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni bejn proċeduri ordinarji u dawk ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali. Dan l-Artikolu jistipula hekk:

*Artikolu 181B (Kap 12):*

*(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
*…..*
*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Il-qorti kkunsidrat ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 466 (Att Dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari) li jgħid hekk:

*<u>Artikolu 3(1) (Kap 466):</u>*

*"B'effett mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu kull attiv kemm f'Malta kemm barra minn Malta inkluż kull attiv tal-Korporazzjoni u tal-Kumpannija mikri taħt il-kuntratt ta' kiri tat-Tarzna, kull dritt reali jew drittijiet oħra taħt xi kuntratt, il-flejjes kollha dovuti minn xi persuna lill-Korporazzjoni jew lillKumpannija u l-ishma kollha fi jew stocks ta' xi korpi oħra fi jew stocks ta' xi korpi oħra miżmumin minnhom, għandhom mingħajr aktar assikurazzjoni ħlief dan l-Att ivestu fil-Gvern, u kull passiv tal-Korporazzjoni u tal-Kumpannija inkluż kull passiv u obbligu taħt l-Iskema għal min Jirtira Kmieni għandhom ivestu fil-Gvern u jkunu dovuti minnu."*

Il-qorti kienet ikkonkludiet li l-Avukat Generali kien effettivament leġittimu kontradittur tar-rikorrenti għar-raġuni illi f'każ li jirriżulta ppruvat li l-allegati leżjonijiet lamentati mir-rikorrenti kienu imputabbli lit-Tarzna ta' Malta, bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 466 jiġi li kellu jwieġeb il-Gvern ta' Malta.

*"Billi fil-każ tat-Tarzna ta' Malta, ma tistax tiskatta r-rappreżentanza ġudizzjarja skont l-Art 181B(1) tal-Kap 12, ċertament tirriżulta r-rappreżentanza tal-Avukat Ġenerali skont l-Art 181B(2)."*

Din il-qorti qegħda taddotta u tagħmel tagħha l-analiżi u l-konklużjonijet li għamlet din l-istess qorti (diversament preseduta) fil-kawża msemmija u għalhekk qegħda tiċħad l-din eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u tal-Avukat Ġenerali.

1b). L-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ukoll eċċepixxiet li mhix il-leġittimu kontradittur u li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Hija spjegat fl-ewwel lok illi kienet ġiet kostitwita permezz tal-Att XXVII tal-2000 liema Att daħal fis-seħħ in parti fit-3 ta' Mejju 2001 (A.L. 121 tal-2001) u li l-kumplament tad-dispożizzjonijiet daħħlu fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2002 (A.L. 9 tal-2002). Tispjega li l-

promulgazzjoni tar-"*Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta Persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol*" (L.S. 424.23) daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2006 (A.L. 323 tal-2006).

Fir-rigward tar-rikorrenti odjerni taċċenna għall-fatt li xi uħud minnhom itterminaw l-impieġ tagħhom qabel il-ħolqien tagħha, u oħrajn (għalkemm itterminaw l-impieg tagħhom wara li hija ġiet kostitwita) itterminaw l-impieg tagħhom qabel ma daħlu fis-seħħ l-indikati regolamenti. Għalhekk targumenta li hija ma kellha l-ebda *vires* jew obbligu legali li tieħu xi azzjoni jew passi rigwardanti l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħhom jispjegaw illi:

> "*is-sitwazzjoni amministrattiva tal-pajjiż tipprovdi li parti mir-responsabbilità mill-ħarsien fuq il-post tax-xogħol ilum jispetta lill-OHSA. Fiż-żmien tal-espożizzjoni l-funzjonijiet tal-OHSA kienu fdati f' idejn entitajiet taħt isem differenti (eż. labour inspectors) imma essenzjalment il-materja li fuqha hi imsejsa din il-kawża hija kompitu tal-OHSA u għalhekk għandha tiġi imħarrka skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12: The judicial representation of the Government in judicial acts and actions shall vest in the head of the government in whose charge the matter in dispute falls. Il-kelma charge tindika funzjoni: jiġifieri jekk tkun materja ta' labour safety (anke jekk il-fatt ikun seħħ qabel ma kienet stabbilita l-OHSA) għandha tiġi imħarrka l-OHSA għaliex illum dik il-materja taqa' fil-kompetenza tagħha.*"

Inċidentalment l-Awtorità kienet qajmet l-istess eċċezzjoni fil-kawża "Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et" (fuq imsemmija) u r-rikorrenti f'tali kawża kienu taw l-istess raġuni li taw dawn odjerni għaliex dehrilhom li kellha titħarrek din l-Awtorità. Din il-qorti għalhekk ser terġa' tagħmel riferenza għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet din il-qorti fir-rigward.

Hija qalet fl-ewwel lok illi ma taqbel xejn mar-raġuni mogħtija mir-rikorrenti għaliex l-Awtorità ġiet ċitata minnhom bħala intimata.

Hija spjegat illi l-Ordinanza dwar il-Fabbriki tal-1940 (li kienet il-Kap 169 tal-Liġijiet ta' Malta) kienet il-liġi speċjali li tirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Skont din il-liġi l-infurzar tal-liġi prinċipali u tar-regolamenti li saru bis-saħħa tal-ordinanza kienet tispetta prinċiplment lid-Direttur tax-Xogħol, u limitatament għal xi aspetti ta' sanità fuq l-post tax-xogħol, lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

Din l-Ordinanza ġiet revokata bl-Att VII (1994): L-Att dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 367 - li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1995). Taħt din il-liġi l-infurzar kien jispetta lid-Direttur tax-Xogħol. Din il-liġi kellha "*saving clause*" li permezz tagħha r-regolamenti kollha li saru bis-saħħa tal-Ordinanza baqgħu fis-seħħ.

Dan l-Att VII (1994) ġie imbagħad revokat bl-Att XXVII (2000) dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 424) li daħal fis-seħħ in parti fit-3 ta' Mejju 2001 u l-bqija fid-29 ta' Jannar 2002. Hawnhekk l-obbligu tal-infurzar ġie jispetta lill-Awtorità. Anke taħt din il-liġi, daħlet ukoll "*saving clause*" li permezz tagħha r-regolamenti kollha li saru bis-saħħa tal-Kap 169 u Kap 367 baqgħu fis-seħħ.

Il-qorti fil-kawża ċitata kienet osservat li l-kawża li kellha quddiemha (li ġiet intavolata mill-eredi ta' Andrew Psaila) kienet tirrigwarda l-perjodu ta' impieg ta' Andrew Psaila mat-Tarzna ta' Malta, u cioè bejn l-1959 u l-1988, (meta miet kaġun ta' *malignant mesothelioma*). Hija kkonkludiet li ladarba l-ilmenti tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali minħabba karenza ta' infurzar u dmirijiet oħra kien jirrigwarda perjodu anteċedenti għat-3 ta' Mejju 2001, l-Awtorità ma kellhiex titħarrek fil-kawża.

B'riferenza għar-raġuni mogħtija mir-rikorrenti għaliex l-Awtorità ġiet ċitata minnhom bħala intimata (li kif ingħad huwa identiku għall-argument tar-rikorrenti odjerni), il-qorti qalet illi fejn ir-rikorrenti riedu jimputaw rapport ġuridiku mal-Awtorità kellhom iduru fuq id-Direttur Responsabbli mill-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, peress li huwa proprju dan li ħa fuqu d-dmirijiet li kellu d-Direttur tax-Xogħol (li jekk l-ilmenti tar-rikorrenti jirriżultaw pruvati fil-mertu huwa responsabbli

għalihom). F'dan ir-rigward għalhekk, spjegat li dan ir-rapport ġuridiku ma jistax ikun kopert mill-Avukat Ġenerali.

> *"Din il-Qorti tgħid mingħajr l-iċken eżitazzjoni illi fejn ir-rikorrenti riedu jimputaw rapport ġuridiku lill-Awtorità intimata, ma jistax ikun kopert mill-Avukat Ġenerali skond l-Art 181B(2) tal-Kap 12 billi l-"head of government in whose charge the matter in dispute falls" (riferibbilment għan-nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrenti) għadu hemm sal-lum, u dan huwa d-Direttur Responsabbli mill-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, li minkejja l-bidla fid-destinazzjoni tiegħu, ħa fuqu d-dmirijiet kollha li kellu d-Direttur tax-Xogħol, speċjalment fil-każ ta' din id-disputa li ddur kemm iddur tirrigwarda xejn iżjed u xejn anqas iż-żmien meta d-Direttur tax-Xogħol kien responsabbli għall-ilmenti tar-rikorrenti, li naturalment għad iridu jigu ppruvati fil-mertu."*

Lura għall-każ odjern, jiġi osservat li fost ir-rikorrenti hemm uħud li spiċċaw jaħdmu mat-Tarzna qabel ma ġiet kostitwita l-Awtorità u oħrajn li spiċċaw wara.

Fir-rigward tar-rikorrenti li spiċċaw jaħdmu mat-Tarzna qabel ma ġiet kostitwita l-Awtorità, ċertament li ma jistax jingħad li hemm rapport ġuridiku bejnhom u bejn l-Awtorità, u se mai kif spjegat il-qorti f'"Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern" il-persuna responsabbli sabiex jiġu infurzati regolamenti fir-rigward tas-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol għall-perjodu taż-żmien tal-impieg tagħhom kienet id-Direttur tax-Xogħol (illum id-Direttur responsabbli mill-Impiegi u r-Relazzjonijiet industrijali).

Fir-rigward tar-rikorrenti li spiċċaw jaħdmu mat-Tarzna wara li ġiet kostitwita l-Awtorità, din il-qorti ukoll ma jidhrilhiex li hemm rapport ġuridiku bejnhom u bejn l-Awtorita`. Dan qed jingħad għaliex r-"*Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta Persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol*" (L.S. 424.23) daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2006 (A.L. 323 tal-2006) u cioè wara li dawn ir-rikorrenti kienu spiċċaw jaħdmu mat-Tarzna. L-Awtorità għandha d-dmir li tiżgura li jinżammu l-livelli ta'

protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif stabbiliti bl-Att tal-XXVII tal-2000 u b'regolamenti magħmulin taħtu. Ma tistax titqies responsabbli għall-infurzar ta' miżuri li kienu għadhom ma jeżistux.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, hija l-fehma ta' din il-qorti li l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità Dwar is-Saħħa u s-Siġurtà fuq il-Post tax-Xogħol li mhix il-leġittimu kontradittur għandha tiġi milqugħa.

2). L-intimati t-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u l-Avukat Ġenerali fir-risposta tagħhom eċċipew illi bil-preżenti azzjoni r-rikorrenti qed jirrikorru għal proċeduri straordinarji meta kellhom a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji quddiem il-fora ordinarji sabiex jivventilaw it-talbiet tagħhom. Għalhekk talbu lil din il-qorti sabiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimata Awtorità dwar is-Saħħa u s-Siġurtà fuq il-post tax-Xogħol (għalkemm issa ġie stabbilit li mhix il-leġittimu kontradittur) ukoll kienet qajmet din l-eċċezzjoni.

Il-Qorti qieset l-iżvilupp tal-ġurisprudenza nostrana fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni u kkunsidrat illi:

Fil-kawża fl-ismijiet "Maria Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni"[3], kienet ukoll tqajmet eċċezzjoni bħal din. Ir-rikorrenti f'tali każ, li jiġu l-armla u l-ulied ta' ċertu Joseph Attard, kienu spjegaw li l-imsemmi Joseph Attard, li kien għamel żmien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation u kien espost għall-asbestos, kien miet kawża ta' kanċer malinju magħruf bħala *mesothelioma*, u għalhekk intavolaw din il-kawża sabiex jiġi dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti taħt l-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea

[3] Rik Kost: 31/2010. Sentenza preliminari mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30.09.2010 (Imħ JZM) – sentenza konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11.04.2011

dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement jingħataw rimedju pekunjarju. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet li ladarba r-rimedju mitlub kien kumpens fi flus, ir-rikorrenti kellhom l-ewwel jirrikorru għal azzjoni għal risarċiment ta' danni naxxenti minn allegata *culpa akwiljana* jew *ex contractu* quddiem il-qrati ordinarji qabel ma jintraprendu l-istanza odjerna u dan għaliex il-qrati ordinarji kienu jagħtuhom rimedju effettiv u effikaċi li jindirizza tassew l-ilment tagħhom. Hija sostniet li r-rimedju kostituzzjonali huwa wieħed straordinarju u għandu jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares u tittutela d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Wara li qieset il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ hija għażlet li tiddeklina milli teżerita s-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art 4(2) tal-Kap 319. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat din id-deċiżjoni u żiedet tippreċiża li anke jekk ikun hemm ksur ta' xi dritt fundamentali dan ma jfissirx li l-uniku rimedju huwa dak kostituzzjonali. F'dan ir-rigward għamlet riferenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "John Sammut vs Awtorità tal-Ippjanar et"[4].

Fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Brincat et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni"[5] ukoll tqajmet eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji. Ir-rikorrenti f' din il-kawża kienu kollha f' xi żmien impjegati mal-Malta Drydocks Corporation. Spjegaw li peress li kienu esposti għall-asbestos spiċċaw bl-abestos fis-sistema respiratorja tagħhom. Jilmentaw li qatt ma ġew mgħarrfa dwar il-ħsara li jista' jagħmel l-asbestos u li ma ġewx mogħtija miżuri xierqa ta' protezzjoni. Għalhekk intavolaw din il-kawża sabiex jiġi dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem taħt l-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji u għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li hija wkoll tikkondividi d-deċiżjoni tal-

[4] Rik. Kost. 1884/96. Deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27.02.2003
[5] Rik. Kost. 27/2009. Deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11.04.2011

ewwel qorti, u cioè illi billi r-rikorrenti kienu qed jitolbu riżarċiment ta' danni, l-azzjoni taħt il-liġi ordinarja kienet tagħtihom rimedju sħiħ għall-ilment tagħhom. Qalet li anke jekk għall-grazzja tal-argument jirriżulta wara li jkun konkluż il-proċess ordinarju b'mod definittiv ir-rikorrenti xorta jidhrilhom li għad fadal leżjoni ta' drittijiet fundamentali tagħhom, huma jistgħu jipproċedu b'istanza kostituzzjonali oħra għar-rimedju.

Ir-rikorrenti f'tali kawża ma waqfux hemm però, u ftit xhur wara, fit-28 ta' Settembru 2011 ippreżentaw il-każ tagħhom quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Fis-sentenza mogħtija fil-kawża tagħhom Brincat and Others vs Malta[6] fl-24 ta' Lulju 2014, il-QEDB ikkunsidrat fit-tul l-oġġezzjoni li tqajmet mill-Gvern ta' Malta fir-rigward tan-"Non Exhaustion of Domestic Remedies", u r-risposta relattiva tar-rikorrenti fir-rigward. Fost affarijiet oħra kkunsidrat li t-talba kostituzzjonali tar-rikorrenti quddiem il-qorti nazzjonali kellha titqies li kienet tinkludi talba għal kumpens kemm fir-rigward ta' danni materjali u kif ukoll fir-rigward ta' danni morali. Osservat li bl-intavolar ta' proċedura waħda (kostituzzjonali) minflok tnejn (ordinarja u kostituzzjonali) ġew servuti l-interessi tal-ekonomija tal-ġudizzju, ladarba biex jingħataw "*the full range of redress*" li kienu qed jitolbu kien ikollhom imexxu konstituzzjonalment. Hija kkonkludiet li bl-intavolar tal-kawża kostituzzjonali, r-rikorrenti kienu effettivament eżawrew ir-rimedji ordinarji tagħhom għall-finijiet tal-ilmenti tagħhom taħt l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni.

> *"65. Turning to the present case, the Court acknowledges that an action in tort could appropriately address the issue of pecuniary damage (see paragraphs 22 and 63 above). The Court also considers that the remedy provided by the courts exercising constitutional jurisdiction provides a forum guaranteeing due process of law and effective participation for the aggrieved individual. In such proceedings, courts exercising constitutional jurisdiction*

[6] Brincat and Others vs Malta, deċiża mill-QEDB fl-24.07.2014 ġiet miċħuda l-oġġezzjoni tal-Gvern li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji, u ġie ritenut li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem

*can take cognisance of the merits of the complaint, make findings of fact and order redress that is tailored to the nature and gravity of the violation. These courts can also make an award of compensation for non-pecuniary damage and there is no limit as to the amount which can be awarded to an applicant for such a violation (see, mutatis mutandis, Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Malta, no. 26771/07, § 69, 5 April 2011, in relation to Article 1 of Protocol No. 1, and Zarb v. Malta, no. 16631/04, § 51, 4 July 2006, in relation to Article 6). The ensuing judicial decision will be binding on the defaulting authority and enforceable against it. The Court is therefore satisfied that the existing legal framework renders the constitutional remedy capable, in theory at least, of affording, inter alia, appropriate compensatory redress concerning both pecuniary and non-pecuniary damage.*

*66. The domestic system thus offers one legal avenue which would have provided solely for pecuniary damage and another one which allowed for a finding of a violation, provided for all heads of damage, and, moreover, could have afforded any other means of redress relevant to the complaints at issue. The Court observes that it does not transpire that in such cases national law necessarily requires that ordinary civil proceedings be undertaken as a sine qua non before the institution of constitutional redress proceedings, and neither has this been claimed by the Government. The same was in fact held recently by the Civil Court (First Hall) in its constitutional jurisdiction (see paragraph 26, in fine, above). The Constitutional Court's decision, and, before that, the similar decision of the Civil Court (First Hall) in its constitutional jurisdiction, declining the exercise of its jurisdiction was therefore not mandatory under procedural rules, or in accordance with any well-established case-law to that effect, but rather was a matter of discretion, that is to say it was based on the judgment of the judges sitting on that bench, as provided for in the Constitution (see relevant domestic law). It follows that there is nothing legally incorrect about the rulings of the constitutional organs, and the use of an ordinary remedy before the constitutional redress proceedings is not only*

*customary but also desirable in order to avoid burdening the constitutional jurisdictions unnecessarily with cases. It may be that such an aim would be better achieved if the ordinary courts had the power to award also non-pecuniary ("moral") damage. However, even though in the Maltese legal system the ordinary remedy was limited in scope, it cannot be considered ineffective if followed by constitutional redress proceedings, and therefore the existence of an effective aggregate of remedies cannot be denied.*

*67. Nevertheless, in the present case the Court notes that the Constitutional Court's decision seems to have been based on a very broad reading of the Court's case-law. The Court notes that, in Zavoloka it held, solely, that there was no right to non-pecuniary damage in circumstances such as those of that specific case, where the applicant's daughter had died as a result of a traffic accident due to the negligence of a third party and where no responsibility, whether direct or indirect, could be attributed to the authorities.*

*68. Furthermore, in connection with the specific circumstances of the present case, the Court notes that the applicants (apart from the family of Mr Attard and Mr Dyer) were found to have pleural plaques in their lungs, were experiencing physical difficulties and were prone to malignant mesothelioma (as occurred in the case of the deceased Mr Attard) and they were challenging the Government for having failed to protect them against such negative consequences. Mr Dyer although not affected to date was at risk of suffering the same fate. For the purpose of seeking redress, they were confronted with the two possibilities available under the Maltese legal order, namely (i) instituting an ordinary civil action which could only partly redress their grievances (and which could have taken years to decide – in the Pellicano case the action was commenced in 1980 and was only finally determined ten years later) followed by constitutional redress proceedings which could redress the remaining unsatisfied claims or (ii) instituting constitutional redress proceedings which could*

*deal with the entirety of their requests for redress. It has not been submitted that their applications before the courts with constitutional jurisdiction had no prospects of success; these courts could have chosen to exercise otherwise their discretion and take cognisance of the case, instead of declining to do so. Indeed, the latter course of action would appear to have been the most appropriate approach even from the perspective of domestic case-law (see paragraphs 25-26 and 47 above) and probably the only approach possible in the case of Mr Dyer.*

*69. Consequently, in the circumstances of the present case and particularly in the absence of any pre-existing mandatory legal requirements ensuing from law or well-established case-law requiring the institution of civil tort actions before recourse to the constitutional organs (in circumstances such as those of the present case), the Court considers that the applicants cannot be held to blame for pursuing one remedy instead of two. Moreover, such an action would have also served the interests of economy of proceedings given that – in any event – the applicants would have been bound to go before the constitutional organs to obtain the full range of redress which they claimed.*

*70. The Court also notes that in their applications before the constitutional jurisdictions the applicants concerned requested the court to quantify a fair amount of compensation for the breach of their rights, to liquidate such amount and to order that this pecuniary redress be paid individually to each applicant (see paragraph 14 above). The Court considers that this general wording used by the applicants does not specifically exclude, as the Constitutional Court seems to have held (see paragraph 17, in fine, above) non-pecuniary damage as understood in the Court's case-law. On the contrary it must be taken as including both pecuniary ("material" damage, consisting under domestic law of damnum emergens and lucrum cessans) and non-pecuniary ("moral") damage, the term 'pecuniary' used by the applicants meaning simply 'monetary' and therefore before the domestic courts the*

*relevant applicants' request cannot be said to have been deficient.*

*71. In the specific circumstances of the case, the Court is therefore satisfied that the national judicial authorities were provided with the opportunity to remedy the alleged violations of the Convention but failed to do so. Consequently, from the Court's perspective, the applicants' institution of constitutional proceedings sufficed in the present case for the purpose of exhaustion of domestic remedies in respect of the substantive complaints under Articles 2, 3 and 8.*

*72. The Government's objection is therefore dismissed."*

Il-qrati tagħna bdew jieħdu kont ta' din il-posizzjoni li ħadet il-QEDB fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinari. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismjiet "John Formosa et vs Tabib Principali tal-Gvern et"[7], (kawża oħra "tal-asbestos") il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2014 wara li għamlet ampja riferenza għall-konklużjonijiet tal-QEDB fil-kawża "Brincat and others vs Malta", qalet hekk:

*"Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-qorti tħoss li għar-raġunijiet esposti il-vertenza in diżamina tissupera l-ostaklu prodott mill-intimati bl-argument taghhom li r-rikorrenti odjerni ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji eżistenti, u konsegwentement tirrespingi wkoll din l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati."*

Il-Qorti Kostituzzjonali imbagħad ikkonfermat tali pożizzjoni fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru 2015.

Il-kawża fl-ismijiet "George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u

[7] Rik. Kost. 11/2014. Il-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-19.11.2014 (Imħ SM) ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji u l-Qorti Kostituzzjonali fit-30.10.2015 ikkonfermat tali pożizzjoni.

Komunikazzjoni"[8] hija kawża oħra "tal-asbestos". Ir-rikorrent George Spiteri marad fuq il-post tax-Xogħol fit-Tarzna ta' Malta għax kien espost għall-asbestos mingħajr protezzjoni xierqa. (Fil-fatt fis-27 ta' Jannar 2011 huwa miet u l-kawża tkompliet mill-eredi tiegħu). Għalkemm il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza preliminari mogħtija fit-28 ta' Frar 2014, kienet għażlet li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Kap 319 għax dehrilha li messu inqeda bir-rimedji li ttih il-liġi ordinarja, il-Qorti Kostituzzjonali invece, fis-27 ta' Marzu 2015 (u cioè wara li kienet ingħatat l-imsemmija deċiżjoni tal-QEDB f'"Brincat and Others vs Malta") irrevokat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Hija qalet hekk:

> *"10. L-ewwel qorti effettivament kienet korretta meta qalet illi l-atturi ma nqdewx bir-rimedji illi tagħti l-liġi ordinarja u li ġew meqjusa li kienu tajbin u biżżejjed anki minn din il-Qorti li f'diversi kawżi b'ċirkostanzi analoġi għal dawk tal-lum ikkonfermat sentenzi tal-qorti ta' prim'istanza li permezz tagħhom il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeklinat milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. Il-qrati kostituzzjonali ta' pajjiżna dan għamluh fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet Zavoloka v Latvia li fiha dik il-qorti, wara li rribadiet li vjolazzjoni tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni kien fil-prinċipju jesiġi il-possibilità tal-ħlas ta' danni morali , ikkonkludiet li, tenut kont tad-diversità kbira ta' kif il-materja ta' kumpens f'każ ta' mewt hi regolata fl-ordinamenti ġuridiċi differenti tal-iStati kontraenti, ma setgħetx tinferixxi obbligazzjoni assoluta u ġenerali li jingħata kumpens pekunjarju għal dannu morali bħal dak f'dak il-każ .*
>
> *11. Ilum, iżda, din il-Qorti ma tistax ma tieħux kont tas-sentenza riċenti Brincat and others v Malta li permezz tagħha l-Qorti fi Strasburgu tat interpretazzjoni aktar ristretta minn dik li tat din il-Qorti lis-sentenza fi Zavoloka filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju*

[8] Rik. Kost. 30/2009. Il-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28.02.2014 (Imħ JA) laqgħet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji, iżda l-Qorti Kostituzzjonali fis-27.03.2015 ċaħdet tali eċċezzjoni u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

*"pekunjarju" mitlub fil-proċeduri f'Malta f'dak il-każ, bħalma hu mitlub ukoll f'dan il-każ. Fl-istess waqt ġie rriaffermat li fil-każijiet ta' leżjoni tal-artikoli 2 u 3 u possibilment, fiċ-ċirkostanzi idoneji, tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għandu dejjem ikun possibli bħala rimedju l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji.*

*12. Apparti l-kunsiderazzjoni li din il-Qorti hi tal-fehma li hi tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Qorti fi Strasburgu sabiex tati t-tifsira ġenwina tat-termini użati f'atti legali preżentati fi proċeduri ġudizzjarji f'Malta meħud il-kuntest kollu tal-iter sħiħ tal-proċeduri relevanti, tenut kont tal-konkluzjonijiet raġġunti fis-sentenza msemmija ta' Brincat and Others v Malta din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kif issa żviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom kif previst fl-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-rikorrenti appellanti."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza preliminari tagħha mogħtija fil-15 ta' Settembru 2015, f'"Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et" (diġa msemmija *supra*) ukoll għamlet tagħha d-direzzjoni ġurisprudenzjali li ħarġet mis-sentenza "Brincat and Others vs Malta" tal-QEDB u mis-sentenza "Lawrence Grech et v Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et" tal-Qorti Kostituzzjonali u ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji.
In vista ta' dan kollu għalhekk, din l-eċċezzjoni qed tiġi kkunsidrata infondata u din il-qorti qed tagħżel invece li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

3). L-intimati t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali jsostnu wkoll illi l-ilmenti konvenzjonali li jmorru lura għall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 ma jistgħux jiġu mistħarrġa minn din il-qorti *a sensu* tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata Awtorità dwar is-Saħħa u s-Siġurta` fuq il-post tax-Xogħol (għalkemm issa ġie stabbilit li

mhix il-leġittimu kontradittur) ukoll kienet aċċennat għall-fatt li fir-rigward tad-defunt Emanuel Gauci l-ilmenti jirrigwardaw episodji li jmorru lura għal perjodu ferm qabel l-addozzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-liġijiet nostrani fl-1987 u għalhekk ma jistgħux jiġu mistħarrġa.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom f' dan ir-rigward, ir-rikorrenti *inter alia* jgħidu li ma jirrikonoxxux il-validità legali tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 u jsostnu li fil-fatt jikser l-ittra espressa tal-Konvenzjoni ratifikata minn Malta mill-1967 u għalhekk enforzabbi f'Malta fl-1967 għaliex imur kontra l-prinċipji elenkati fil-preambolu u l-Artikolu 1 tal-istess.

Jgħidu wkoll li din il-kawża, apparti li tinvoka l-Konvenzjoni Ewropea, hi ugwalment minsuġa fuq l-artikoli oriġinali tal-Kostituzzjoni ta' Malta (1964) u li speċifikatament, fuq l-Artikolu 33 li huwa imsemmi fit-talbiet u 32(ċ) (rispett għall-ħajja privata u familjari) implikat fl-invokazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant isostnu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha l-ġurisdizzjoni u l-obbligu legali li tkompli tisma' l-każ ai termni tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u d-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni m'għandhom l-ebda "*sfond interpretattiv*" mingħajr referenza għall-Konvenzjoni. Jargumentaw illi min jipproponi s-"*segregazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni minn ma' dawk tal-Konvenzjoni*" ikun fl-istess nifs qed jipproponi "*żewġ interpretazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ klassijiet ta' drittijiet fundamentali".*

Jgħidu wkoll li l-fatti tal-każ ukoll iwasslu għal vjolazzjoni li hi kontinwa (*continuous violation*) għaliex għadhom sal-ġurnata preżenti mingħajr rimedju għal-lanjanzi tagħhom.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-kawża fl-ismijiet John Formosa et vs Tabib Principali tal-Gvern et (li diġa saret riferenza għaliha *supra*) ikkunsidrat fid-dettall dan il-punt u għalhekk din il-qorti sejra tiċċita minnha peress li anke l-argumenti li għamlu r-rikorrenti fiha huma prattikament identiċi għal dawk li jagħmlu r-rikorrenti odjerni. Jiġi ċċarat li b'differenza mill-każ odjern, f'tali kawża l-ilment kien jikkonċerna l-espożizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa li kien miet b'kanċer malinju fl-1978 u cioè qabel it-30

ta' April 1987, u wkoll r-rikorrenti kienu wkoll qed isostnu li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali in kwantu kien hemm hemm trattament inuman jew degradanti.

*"32. Il-Qorti tibda' billi tagħmilha ċara mill-bidunett li l-fatt li l-appellanti ma jirrikonoxxux il-validità legali tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ma jnaqqas xejn mill-validità legali tiegħu darba li l-appellanti ma għamlu ebda talba fir-rikors promotorju sabiex jimpunjaw il-validità tal-istess artikolu, ma għamlu l-ebda sottomissjoni fir-rigward, la bil-miktub u anqas jirriżulta li għamlu hekk oralment u anqa ittentaw xi azzjoni separate sabiex jimpunjaw l-istess artikolu tal-liġi fuq xi motiv ieħor apparti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Din il-Qorti, għalhekk, ma tistax ħlief tqis l-artikolu msemmi pjenament validu legalment, hi x' inhi l-fehma tal-appellanti dwaru f' dan l-istadju tal-proċeduri.*

*33. Il-Qorti ma tarax kif, jekk ikun il-każ, il-konklużjoni li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza dwar l-ilmenti taħt il-Konvenzjoni li jirrigwardaw fatti li ġraw qabel l-1987 tkun tfisser li d-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni ma jkollhom ebda skond interpretativ mingħajr riferenza għall-Konvenzjoni. Dan ma hu minnu xejn. Anqas l-istess konklużjoni ma tkun tfisser li qegħda tiġi proposta "segregazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni minn ma' dawk tal-Konvenzjoni" jew li jkun qiegħed jiġi propost "żewġ interpretazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ klassijiet ta' drittijiet fundamentali". Dawn ma huma xejn ħlief sensiela ta' non sequitur. L-"isfond interpretattiv" li jista' għandha l-Kostituzzjoni konsistenti fil-Konvenzjoni ma jiġix nieqes u anqas isseħħ xi "segregazzjoni" li ma kinitx ġia teżisti qabel, bħal ma anqas ikun qiegħed jiġi propost xi "żewġ interpretazzjonijiet" li ma kinux ġie qabel dettati mill-formulazzoni diversa tad-drittijiet imsemmija fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.*

*34. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatti ta' da nil-każ jamontaw għal vjolazzjoni kontinwa (continuous violation) għaliex għadhom sa llum mingħajr rimedju għal-lanjanzi tagħhom minkejja li l-espożizzjoni għall-asbestos seħħet qabel it-23 ta' Jannar 1967 u kompliet sa ftit qabel l-1978*

*meta miet Salvatore Formosa, kif kien ukoll il-każ, skont l-appellanti, fil-każijiet tal-asbestos deċiżi mill-Qorti ta' Strasburgu f'Lulju 2014.*

*35. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni jekk din il-qorti għandhiex kompetenza li tieħu konjizzjoni tal-azzjoni ta' llum ratione temporis safejn qegħda ssir taħt l-Att XIV dwar il-Konvenzjoni Ewropea tistrieħ fuq dak espliċitament provdut fl-Artikolu 7 tal-Att imsemmi. Dan l-artikolu jipprovdi inter alia li ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4, u cioè għal azzjoni li biha ssir talba lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju. Dan l-artikolu ma jirrispekkja eba dispożizzjoi tal-Konvenzjoni u għalhekk il-każistika tal-organi fi Strasburgu rigward dispożizzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-Artikolu 7 imsemmi, għalkemm tista' tkun dejjem fonti ta' ispirazzjoni, ma tistax tkun ta' wisq għajnuna u ċertament ma tistax tkun determinanti fl-interpretazzjoni u appikazzjoni tal-Artikolu 7.*

*36. Kif ġia ingħad, din il-Qorti ma tistax, kif donnu qegħdin jippretendu r-rikorrenti, tinjora dak li jipprovi l-Artikolu 7 imsemmi u anzi, l-istess artikolu jarġina l-kompetenza ta' din il-Qorti in kwantu għal azzjonjiet taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. L-istess artikolu jipprovdi li ebda ksur tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll relevanti li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma jagħti dritt ta' azzjoni taħt l-istess Att. Tali ksur, iżda, jista' jsir u jiġi kkunsmat instantanjament, iżda jista' jkun il-każ ukoll li għalkemm il-ksur jibda' jseħħ f' data partikolari l-istess ksur jista' jipperdura 'l hinn mill-mument inizjali tiegħu b'mod li jekk għalkemm il-ksur inizjali jsir qabel it-30 ta' April 1987 iżda jipperdura wara l-istess data din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja tieħu konjizzjoni ta' azzjoni in kwantu din tilmenta mill-ksur li kompla jsir wara d-data imsemmija. Din ma hix pożizzjoni ġdida ta' din il-*

*Qorti.*[9]

*37. B'danakollu iżda, wieħed irid jiddistingwi l-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni mill-kontinwazzjoni tal-effetti tal-vjolazzjoni. Sabiex din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja f' azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija l-vjolazzjoni li trid tkun waħda kontinwa, u li għalhekk tipperdura wara t-30 ta' April 1987, u ma hux biżżejjed li jkunu l-effetti tal-vjolazzjoni li hekk jipperduraw mentri l-vjolazzjoni tkun waħda instantanja*[10]*, jew kif iddiskrivietha l-Kummissjoni taħt il-Konvenzjoni "the enduring effects of an act occurring at a given point in time."*[11]

*38. Dan jikkonverġi wkoll mal-ħsieb tal-organi taħt il-Konvenzjoni dwar il-kunċett ta' "continuing situation" Ii dwaru l-Kummissjoni spjegat:*

*"...the concept of "continuing situation" refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims....Since the applicants' complaints have as their source specific events which occurred on identifiable dates, they cannot be construed as a "continuing situation" for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of "Bloody Sunday" continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an event has significant consequences over time does not itself constitute a "continuing situation"*[12]*. (sottolinejar ta' din il-Qorti)*

---

[9] Ara *inter alia*, Pawlu Cachia v Avukat Generali et, 28/12/2001; Francis Bezzina Wettinger et v Kummissarju tal-Artijiet, 10/10/2003; Joseph John Edwards pro et noe. v Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, 25/2/2005; Attilio Ghio v Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, 28/2/2005; Christopher Hall v Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et, 18/9/2009;

[10] Q. Kost. Vincent Curmi noe et v Onor. Prim Ministru op. Cit., #29

[11] Commission, X v United Kingdom, 10/12/1976 para. 6 u 9

[12] Commission, Dec. Adm., Kevin Mcdaid and others v U.K., 9/4/1996

*39. Sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx waħda li hi kontinwa u li għalhekk ipperdurat u pprolungat ruħha wara l-mument inizjali li fiha ġie kommessa irid jittieħed qis tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jagħtu lok għall-ilment.*

*40. Fil-każ ta' llum ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt għall-ħajja, minn ksur għal trattament inuman u degradanti, minn ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti, u ksur tad-dritt għall-ħajja privata f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.*

*41. In kwantu għall-allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja mħares bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, din ma tistax tkun ħlief waħda instantanja fejn tkun avverat ruħha l-mewt. Dan għaliex fil-mument li tiġi estinta l-ħajja ta' persuna il-vjolazzjoni mhux biss tiġi kommessa iżda tiġi wkoll konsumata tant li dik l-estinzjoni tal-ħajja tkun dejjem u eskussivament konsegwenza tal-għemil li ppreċediha u ebda għemil sussegwenti ma jista' jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni ta' dik l-estinzjoni tal-ħajja. Naturalment il-konsegwenzi jew l-effetti ta' dik il-ħajja estinta jipperduraw fiż-żmien anke wara l-mument tal-estinzjoni ta' dik il-ħajja, għaliex min imut jibqa' mejjet, iżda d-dritt għall-ħajja jiġi instantajament, definittivament u irrevokabilment vjolat fil-mument li l-ħajja tiġi estinta u f'dak il-mument il-vjolazzjoni tiġi wkoll kunsmata. Għalhekk il-vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja hija vjolazzjoni instantanja li ma tista' qatt tagħti lok għall-kontinwità.*

*42. Jirriżulta li Salvatore Formosa miet fit-23 ta' Ottubru 1978 u l-għemil li jilmentaw minnu r-rikorrenti kollu avvera ruħu qabel dik id-data u għalhekk il-vjolazzjoni li minnhom jilmentaw ġrat interament qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun meta rriteniet li a tenur tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap 319, ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni intentata mir-rikorrenti sa fejn l-istess azzjoni qed issir taħt dak l-*

*Att.*

*43. Tista' potenzjalment tikkonfigura vjolazzjoni ta' natura kontinwa tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni fejn waqt li l-individwu jkun għadu ħaj l-Istat jonqos milli jħares lil dak l-individwu minn riskji serji għal ħajtu. Tali vjolazzjoni setgħet potenzjalment tiffigura fil-fattispeċi allegati mir-rikorrenti f' dan il-każ iżda peress li l-fatti kollha li setgħu kienu rilevanti f' dan il-każ ġraw qabel id-data tat-30 ta' April 1987 u Salvatore Formosa miet qabel dik id-data l-konklużjoni f' dan il-każ tibqa' kif ingħad fuq.*

*44. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn ksur tad-dritt għal ħarsien minn tortura u minn trattament jew piena inumana jew degradanti taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-għemil hawn projbit huwa għemil li jista' jipperdura għal perjodu ta' żmien, u għalhekk ugwalment il-vjolazzjoni proskritta tista' wkoll tkun konkorrentement kontinwa u tipperdura għall-istess perjodu. Konsegwentement jekk l-għemil li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti, għalkemm seta' kellu l-bidu tiegħu qabel it-30 ta' April 1987, ippersista u kompla wara l-istess data, din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja tieħu konjizzjoni tal-azzjoni għar-rigward dan l-ilment sa fejn l-istess azzjoni qegħda ssir taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

*46. Jibqa' l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja li fir-rikors promotorju taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li qiegħed jiġi allegat taħt żewġ aspetti: (a) f' dak li għandu x' jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti u (b) f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.*

*47. Għar-rigward ta' dan l-ilment tar-rikorrenti, l-għemil li allegatament wassal għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kien jikkonsisti fi "l-espożizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa fuq il-post tax-xogħol (li) affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalità tal-ħajja tal-istess rikorrenti. Dan l-għemil seta' ipperdura għal xi żmien qabel il-mewt ta' Salvatore Formosa iżda ma kompliex, u ma setax*

*ikompli wara l-mewt tiegħu. Il-fatt li r-rikorrenti setgħu ġew imċaħħda prematurament mill-preżenza tal-istess Salvatore Formosa seta' kien stat ta' fatt iġġenerat bħala konsegwenza u effett tal-vjolazzjoni li kienet ġia kunsmata, iżda ma kienx, u ma setax ikun, il-kontinwazzjoni tal-istess vjolazzjoni għaliex ma kienx ikkawżat minn xi għemili tal-Istat wara d-data li miet l-imsemmi Salvatore Formosa. Għalhekk anke rigward dawn l-ilmenti kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni minħabba li l-fatti in kwistjoni ġraw kollha qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk josta għall-azzjoni l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sa fejn l-azzjoni qegħda ssir taħt dak l-Att."*

F'dan l-isfond, jiġi osservat li l-perjodi relattivi tal-impieg mat-Tarzna ta' Malta tar-rikorrenti u tad-defunt Emanuel Gauci huma s-segwenti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Spiro Ellul | - | 30.03.1959 | - | 30.10.1998 |
| Joseph Rizzo | - | 30.03.1959 | - | 10.05.2002 |
| Joseph Quintano | - | 30.03.1959 | - | 28.11.2003 |
| Carmel Cauchi | - | 30.03.1959 | - | 19.10.2001 |
| Felix Axisa | - | 30.03.1959 | - | 31.12.1996 |
| Paul Calleja | - | 30.03.1959 | - | 08.01.1993 |
| Joseph Pisani | - | 30.03.1959 | - | 13.01.1995 |
| Joseph Caruana | - | 30.03.1959 | - | 23.07.1993 |
| Gerolamo Mintoff | - | 30.03.1959 | - | 12.04.2002 |
| Joseph Galea | - | 30.03.1959 | - | 30.07.1993 |
| Tarcisio Gaffiero | - | 30.03.1959 | - | 21.03.1997 |
| Alphonse Genovese | - | 30.03.1959 | - | 19.05.1989 |
| Anthony Polidano | - | 30.03.1959 | - | 08.10.1999 |
| John Cilia | - | 30.03.1959 | - | 15.10.1999 |
| Joseph Bartolo | - | 30.03.1959 | - | 05.05.2000 |
| John Scerri | - | 08.09.1980 | - | 09.11.2003 |
| Francis Tonna | - | 30.03.1959 | - | 31.12.1999 |
| Emanuel Gauci | - | 31.10.1932 | - | 31.03.1970 |

In vista tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fuq ċitata, jiġi li ladarba d-defunt Emanuel Gauci kien spiċċa l-impieg tiegħu mat-Tarzna fl-1970, l-ilmenti konvenzjonali tal-eredi tiegħu ma jistgħux jiġu mistħarrġa *a sensu* tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk din l-eċċezzjoni fir-rigward tal-każ ta' Emanuel Gauci tirriżulta fondata.

4). L-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Siġurtà fuq il-Post tax-Xogħol fit-tieni eċċezzjoni tagħha qalet illi ladarba l-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat "Att Dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari" jispeċifika min huwa mgħobbi bir-responsabbilità tal-ħwejjeġ li jikkonċernaw it-Tarzna ta' Malta, ikun siewi u opportun, għall-integrità tal-ġudizzju, li l-persuna mgħobbija b'tali responsabbilita` tiġi msejħa f' dawn il-proċeduri.

Kif diġa ġie spjegat *supra*, jirriżulta li l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol mhix il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement ser tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u għalhekk mhux il-każ li din il-qorti tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet oħra tagħha u tippronunzja ruħha fir-rigward.

Però għall-kompletezza qed jingħad illi ladarba f'din is-sentenza qed jiġi deċiż illi l-Avukat Ġenerali abbażi tal-Artikolu 181B(2) huwa l-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegati leżjonijiet imputabbli lit-Tarzna ta' Malta, din ir-raba' eċċezzjoni fi kwalunkwe każ hija infondata.

Għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1a) Tiċħad it-tieni (2) eċċeżżjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u tal-Avukat Ġenerali, u tiddikjara li dawn huma leġittimi kuntradittury lejn it-talbiet tar-rikorrenti – spejjeż għall-istess żewġ intimati;

1b) Tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Siġurtà fuq il-Post tax-Xogħol u tiddikjara li mhix leġittimu kontradittur lejn it-talbiet tar-rikorrenti u

konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju – spejjeż għar-rikorrenti;

2) Tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u tal-Avukat Ġenerali, u invece qegħda tagħżel li terżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta – spejjeż għaż-żewġ intimati imsemmija;

3) Tilqa' t-tielet (3) eċċezzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika) u tal-Avukat Ġenerali, u tiddikjara li fir-rigward ta' Emanuel Gauci l-ilmenti konvenzjonali ma jistgħux jiġu mistħarrġa – spejjeż għar-rikorrenti Joseph Gauci u Therese Caruana ulied il-mejjet Emanuel Gauci.

IMHALLEF

DEP/REG